Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 626/13

**Albert F.S. Manduca Limited (C-247)** **(appellata)**

**vs**

**Andrew Pace KI25774(M)** **(appellat)** **taħt l-isem kummerċjali Salvino's u b'digriet mogħti mit-Tribunal nhar it-Tlieta sebgha (7) ta' Jannar 2014, ġiet kjamata in kawza is-soċjetà "Aphrodite Limited"** **(appellanti)**

It-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2016.

Il-Qorti,

Rat l-avviż tat-talba li s-soċjetà attriċi ppreżentat fl-1 ta' Ottubru 2013 fit-Tribunal Għal Talbiet Żghar, fejn talbet sabiex il-konvenut Andrew Pace jiġi ikkundannat iħallasha s-somma ta' tliet elef erba' mija u wieħed u sebgħin Euro, tlieta u sebgħin ċentezmi (€3,471.73), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugħa u kkonsenjata iżda mhux imħallsa skont kif jirriżulta minn rendikont mehmuż.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn qal li:-

1. Qatt ma nnegozja mas-soċjetà attriċi u kien biss impjegat tas-soċjetà Aphrodite Limited (C-37308) li da parti tagħha kienet tiġġestixxi r-restaurant Salvino's;
2. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba kellha tigi postulata fil-konfront tas-soċjetà Aphrodite Limited (C-37308) u se mai għandha tiġi kjamata fil-kawża; Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta tas-soċjetà Aphrodite Limited (C-37308), kjamata in kawza permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Jannar 2014 fejn hija eċċepiet:

1. Preliminarjament, is-soċjetà Aphrodite Limited ma hix il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà rikorrenti u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.
2. Illi s-soċjetà esponenti qatt ma daħlet fl-ebda negozju jew trattattiv mas-soċjetà rikorrenti.
3. Illi l-persuna responsabbli għall-ħlas pretiz mis-soċjetà rikorrenti hija l-konvenut, Andrew Pace, kif ser jirrizulta aħjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.
4. Illi f'kull eventwalità, is-soċjetà rikorrenti trid tipprova kull somma pretiza permezz ta' din il-kawza. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

B'sentenza tad-9 t'Ottubru 2015, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar:

*"laqa t-talbiet attriċi, laqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u caħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà kjamata in kawza u konsegwentment illibera lill-konvneut mill-osservanza tal-ġudizzju u*

*kkundanna lis-soċjetà kjamata in kawza tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet elef, erba' mija u wieħed u sebgħin euro, tlieta u sebgħin ċentezmi (€3,471.73c), bl-imgħax legali fiċ-ċirkostanzi dekorribbli mill-1 ta' Ottubru 2013, li hija d-data tal-prezentata tal-prezenti, sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez tal-kawza a kariku tas-soċjetà kjamata in kawza."*

Mis-sentenza appellat Aphrodite Limited (C-37308), b'dawn l-aggravji:-

- L-ewwel aggravju tas-soċjetà huwa li Andrew Pace huwa responsabbli għal ħlas tad-dejn li huwa għamel stante illi huwa kellu mandat speċjali mid-direttur tas-Soċjetà ai termini tal-artiklu 53 tal-Kap 13 li ma kienx jippermettilu jixtri l-affarijiet bi kreditu oltre dak speċifikat lilu u li mar kontra d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 54 tal-Kap 13 għaliex ta informazzjoni falza lil Francis Sullivan meta tah x'jifhem li huwa kien is-sid ta' Salvino's restaurant. Dan l-egħmil qarrieq u mhux ta' *pride* da parti ta' Andrew Pace għandu jwassal biex huwa jkun responsabbli għad-dejn u mhux is-soċjetà kjamata fil-kawza.
- It-tieni aggravju huwa li t-Tribunal kien skorret meta kkonkluda li Andrew Pace kien sempliċement impjegat tas-soċjetà Aphrodite Limited meta rriżulta mil-provi li barra salarju kien jirċievi 25% mil-bejgħ tal-ħanut u għalhekk kien sħab fin-negozju mas-soċjetà kjamata fil-kawza. Illi skont is-soċjetà il-konvenut Pace lanqas qagħad ma dan il-ftehim għaliex kien jieħu l-profitti kollha hu.
- It-tielet aggravju huwa li t-tribunal injora l-fatt li fuq okkazjoni oħra Andrew Pace aċċetta li jħallas għal xogħol iffatturat lil Aphrodite Limited wara li bit-tqanzigħ ammetta li x-xogħol kien għal skopijiet personali tiegħu u l-probabbilta' li din il-kawza tittratta sitwazzjoni simili fejn Pace xtara għal skopijiet personali tiegħu.
- Ir-raba aggravju huwa li t-tribunal ma mexiex skont il-prinċipju ta' ekwità.
- Il-ħames aggravju huwa li l-fattura kienet toħrog fuq isem Salvino's Restaurant Mr. Andrew Pace, liema fattura qatt ma ġiet ikkontestata minn Pace li allura irid ikun responsabbli għaliha u mhux Aphrodite Limited li ma dehret imkien fuq il-fattura. Is-soċjetà appellanti tilmenta wkoll li ma tistax tikkombaċċi il-konkluzjoni tat-Tribunal li Pace ma kienx korrett li jagħmel dan u ċioe li jagħti impressjoni li huwa kien is-sid u imbagħad ma tikkundannahx biex iħallas il-kreditu dovut kif ġara f'sentenza oħra fl-ismijiet John Farrugia noe vs Andrew Pace et deċiza fit-12 ta' Novembru 2014.

Andrew Pace wieġeb għall appell billi qal:

- li l-appellant qed jiskarta x-xhieda tal-fatt importanti li kull fattura kellha in-numru tal-V.A.T. tas-soċjetà appellanti u li d-djun kienu ferm ilhom jakkumulaw, fatt li l-appellanti kellhom jindunaw bih qabel il-proċeduri odjerni.

- L-appellat Andrew Pace jgħid li ma kienx agent għaliex il-proċedura kkontemplata fl-artiklu 71 tal-Kap 13, fejn wiehed irid japplika u jiġi rikonoxxut bħala agent mil-awtorità regolatorja ma ġietx addottata.

- Fir-rigward tal-aggravju li Andrew Pace kien sħab fin-negozju, il-konvenut appellat jgħid li lanqas dan ma huwa minnhu għaliex biex ikun sħab skont il-liġi dan kellu jkun bil-miktub u jiġi rifless fid-dokumenti legali u uffiċjali tas-soċjetà attriċi. Jgħid ukoll li l-akkuzi dwar l-aġir doluz kellhom ikunu sostanzjati f'kawza ad hoc u qatt ma jistgħu jammontaw għal skuza biex is-soċjetà appellanta tiġi ezonerata mil-ħlas dovut lis-soċjetà attriċi.

- Għar-raba aggravju Andrew Pace jirribatti illi l-ekwità għandha tintuza mit-tribunal meta ma jkunx hemm provediment ċar fil-liġi li jistgħu jiġu applikati fil-kaz.

- Fl-aħħarnett l-appellat jgħid li Salvino's Restaurant ma hux entità separata mis-soċjetà kjamata in kawza Aphrodite Limited izda huwa t-*trade name* tagħha.

Is-soċjetà attrici minkejja li ġiet notifikata bl-appell fit-2 ta' Novembru 2015, baqgħet ma ppreżentatx tweġiba.

Il-Qorti qrat l-atti.

**<u>Fatti.</u>**

i. Joseph Aquilina rapprezentant tas-soċjetà attriċi kien jagħti xogħol *on credit* ta' inbid fuq ordni ta' Andrew Pace u jikkonsenja dan ix-xogħol fir-restaurant Salvino's, Valletta.
ii. Ir-restaurant hu negozju tas-soċjetà kjamata fil-kawza Aphrodite Limited. Salvino's hu l-isem tar-restaurant.
iii. Il-konijiet kienu joħorġu f'isem Salvino's Restaurant hu taħt l-isem hemm isem il-konvenut. Hemm ukoll, numru tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, 1775-4409.
iv. Il-kontijiet preżentati jkopru perjodu minn Jannar 2010 sa Marzu 2012.
v. L-ewwel tliet pagament saru minn Aphrodite Limited mentri l-pagamenti l-oħrajn tħallsu bi flus kontanti u darb'oħra tħallsu b'ikla tal-istaff tas-soċjetà attriċi fi żmien il-Milied.
vi. Joseph Aquilina dejjem kien jittratta ma' Andrew Pace waħdu u kien biss ftit qabel dawn il-proċeduri li sar jaf b' Mr. Sullivan u s-soċjetà Aphrodite Limited għaliex huwa kellu l-impressjoni anke minn fuq reklamar fil-media li r-restaurant kien ta' Andrew Pace waħdu.
vii. Ma hemmx kontestazzjoni li l-kreditu huwa dovut lis-soċjetà attriċi. Il-kontestazzjoni hija minn min mill-konvenuti għandu jħallas. Il-kreditu kien ilu jakkumula minn Jannar tal-2010 (fol. 23), għalkemm jirriżulta li xiri ta' xorb mingħand l-attriċi kien ilu jsir sa minn qabel dik is-sena. Ix-xiri ta' merkanzija baqa' għaddej sal-21 ta' Marzu 2012.

**<u>Konsiderazzjoni tal-aggravji.</u>**

1. **L-ewwel aggravju.**

Dan l-aggravju hu bażat fuq it-teżi li Pace kien ingħata mandat speċjali *ai termini* tal-artikolu 53 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13)[1] u li ta informazzjoni falza u frawdolenti (artikolu 54), konsegwenza ta' liema għandu jkun responsabbli għall-ħlas. Il-qorti m'għandhiex dubju li mill-provi rriżulta li l-konvenut ma kienx qal lill-attriċi li kien qiegħed jixtri l-merkanzija f'isem Aphrodite Limited. Fatt aċċettat ukoll mit-Tribunal, tant li fis-sentenza qal: *"M'hemmx dubju li l-konvenut kien jippresta ruħu bħala s-sid tar-restaurant u cioe' bħala chef patron, mhux biss mas-suppliers tal-ħanut, fosthom is-soċjeta attriċi, iżda wkoll fuq il-mezzi tax-xandir. Fil-fatt, is-soċjeta attriċi saret taf bl-involviment tal-kumpannija, meta l-affarijiet ma baqgħux mexjin sewwa"*. In-numru tal-VAT tal-appellanti fuq il-fatturi, li Pace ta lill-attriċi, m'hijiex prova li Pace kien gharraf lill-attrici li l-ordnijiet qiegħed jagħmilhom f'isem Aphrodite Limited. Il-bejjiegħ m'għandux ikun mistenni li jrid joqgħod jagħmel verifiki dwar f'isem min hu n-numru tal-VAT li jiġi dikjarat lilu. Għalkemm il-konvenut xehed li lill-uffiċjal tal-kumpannija attriċi, *"….Tajtu wkoll id-dettalji tal-kumpannija u dana kif ghamilt mas-suppliers l-oħrajn"*, mill-kontijiet jidher mod ieħor. Fil-fatt fil-kontijet (fol. 26-72) qatt ma jissemma isem l-appellanti, iżda biss l-isem **Salvino's Restaurant, Andrew Pace**. Kieku Pace semma lill-kumpannija bħala l-persuna li għamlet l-ordni, probabilment fil-fatturi kien jissemma isimha.

Madankollu mill-provi rriżulta li Pace kien impjegat tal-appellanti. Għalkemm Francis Sullivan xehed li qatt ma nnegozja mal-attriċi, jibqa' l-fatt li Andrew Pace kien awtorizzat li jixtri l-merkanzija. Ma jistax ikun mod ieħor jekk kien il-persuna li qegħda tiġġestixxi r-*restaurant*. Madankollu, jibqa' l-fatt li n-negozju kien tal-appellanti u mhux ta' Pace. Ghalkemm Sullivan xehed ukoll li, *"…. lil Andrew tajtu struzzjonijiet ċari li ma jtellax djun ma' suppliers u ma jieħux prodotti on account"*, dan hu kontestat minn Pace. Il-qorti ssibha diffiċli temmen li Sullivan ta struzzjonijiet lil Pace meta jixtri x-xorb ihallas il-kont ta' qabel (fol. 93), meta tqies:

i. Fis-sena 2009 kien hemm tlett okkazzjonijiet meta l-konvenuta ħarget cekkijiet biex thallas lill-attriċi għall-merkanzija li kien xtara l-konvenut (fol. 77-79). Din fiha nnifisha hi prova li l-appellanti kienet taf li l-konvenut qieghed jordna l-inbid mingħand l-attriċi.
ii. Pace ikkontesta tali fatt.
iii. Sullivan ikkonferma li Pace qatt ma tħallas il-kummissjoni ta' 25% mill-profitt, għaliex profitt qatt ma kien hemm (fol. 111). In-negozju kien tal-appellanti. Il-probabilta' hi li kienet taf xi dħul kien qiegħed isir mir-*restaurant* u li ma kienx hemm qliegħ. Dan fih innifsu kellu jkun indizju li probabilment kien hemm dejn mas-*suppliers*.

F'kull każ l-Artikolu 53 ma japplikax in kwantu minn kliem Francis Sullivan hu evidenti li l-konvenut kien awtorizzat jixtri bid-dejn. Il-kwistjoni hi meta kellu jsir il-ħlas tad-dejn. Tant hu hekk li Sullivan in kontro-eżami xehed: *"Ngħid illi jiena f'ċertu*

[1] *"Bla ħsara ta' kull użu jew patt kuntrarju, fis-setgħa għax-xiri ma titqiesx li tidħol is-setgħa għax-xiri bid-dejn, u fis-setgħa għall-bejgħ ma titqiesx li tidhol is-setgħa għall-bejgħ bil-kreditu"*.

*stadju kont għidt lil Andrew li ma rridx aktar kontijiet pendenti għal ikel iżda* ***aċċettajt li jkun hemm biss kontijiet pendenti għall-inbid****"* (fol. 111). Fil-fatt il-kawża in eżami titratta kontijiet relatati ma' xiri ta' inbid mingħand l-attriċi.

2. **It-tieni aggravju**.

L-appellanti targumenta li Pace kellu salarju u kien jirċievi 25% tal-bejgħ tal-ħanut. Skont l-appellant dan juri biċ-ċar li Pace ma kienx sempliċement impjegat iżda sħab fin-negozju, u għahekk *"... messu nstab responsabbli għax-xogħol li ġie mixtri minnu u ffatturat lir-restaturant minnu ġestit u li mill-operat tiegħu kellu jkollu qliegħ dirett"* (fol. 4).

Din l-asserzjoni hi għal kollox gratuwita. Pace kien biss impjegat. Pero' talli kien qiegħed imexxi r-restaurant, Sullivan kien wegħdu 25% mill-qliegħ. Ħlas li qatt ma sar għaliex Sullivan qal li qatt ma sar qliegħ mir-restaurant. Il-fatt li l-ftehim kien jikkontempla li Pace jieħu 25% tal-qliegħ, ma jfissirx li kien sħab fin-negozju. Hu evidenti li dak kien inċentiv ta' sid ir-restaurnat sabiex Pace jistinka u jagħmel ħiltu. In-negozju kien u baqa' tal-appellanti, u għahekk id-dejn li kien qiegħed isir kien tagħha. Kif qal Sullivan stess:

*"Qed niġi mistoqsi jekk huwiex minnu li Andrew ha mingħandi biss il-paga u mhux ukoll ħamsa u għoxrin percent fil-mija tal-profitti u ngħid ill naqbel li apparti l-paga huwa u ma ħa xejn. Nispjega li r-restaurant qatt ma kellu profitti u kien għalhekk li qatt ma ħa xejn. Il-ftehim bejni u bejn Andrew Pace dwar kif kien ser jitħallas kien wieħed verbali. Bejnietna ma kienx hemm l-ebda partnership jew joint venture."*[2]

Il-qorti taċċetta li f'dan in-negozju l-attriċi kienet taf lill-konvenut Pace. Pero' l-attriċi m'appellatx mis-sentenza.

3. **It-tielet aggravju.**

L-appellanti ssostni:

*"... diġa' kien hemm każ fejn l-istess Andrew Pace kien aċċetta li jħallas għal xogħol li ġie ffatturat lil Aphrodite Limited iżda kien għal skop personali tiegħu. In sostenn ta' dan is-soċjeta appellanti anki ppreżentat email ta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited bħala konferma ta' dan".*

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li jidher li fil-każ l-ieħor Pace kien aċċetta li l-ħlas kien dovut minnu tant li Sullivan xehed li l-kontijiet tħallsu minn Pace. Fil-fehma tal-qorti dan hu ndizju li Pace assuma r-responsabbilta' fir-rigward ta' kont għal xiri ta' merkanzija li jidher li kien uża għal xi attivitajiet li ma kellhomx x'jaqsmu ma' Salvino's Restaurant. Il-qorti ma tarax raġuni għalfejn Pace ma kienx jagħmel l-istess kieku l-inbid li nxtara mingħand l-attriċi, użah għalih.

Il-qorti taqbel mat-Tribunal li m'hemmx prova li l-inbid kien intuża mill-konvenut ghal *outside catering* li jidher li kien jagħmel. Pjuttost mill-provi rriżulta li l-inbid li kien

[2] Francis Sullivan in kontro ezami, 24 t'April 2014.

qiegħed jinxtra mingħand l-attriċi, kien inbid li hemm fil-*wine list* tar-*restaurant* Salvino's.

4. **<u>Ir-raba' aggravju.</u>**

Ir-riferenza ghall-kunċett ta' ekwita' mhuwiex rilevanti. It-Tribunal ibbaża d-deċiżjoni fuq il-provi, u kkonkluda li l-ordnijiet saru ghan-nom tal-appellanti.

5. **<u>Il-ħames aggravju.</u>**

Dan hu aggravju li semmai kellha tipproponieh l-attriċi u mhux l-appellanti[3]. Jibqa' l-fatt li:-

i. L-ordnijiet kienu jsiru minn Andrew Pace għal Salvino's restaurant;
ii. Salvino's restaurant kien in-negozju tal-appellanti;
iii. Il-konsenji kollha kienu jsiru f'Salvino's Restaurant.

Hu veru li jidher li Pace ma nfurmax lill-attrici li l-ordnijiet qegħdin isiru għan-nom tal-appellanti. Pero' mill-fatti li ssemmew hawn fuq il-qorti hi sodisfatta li fir-realta' l-ordnijiet saru għall-appellanti. Ir-rapprezentant tas-soċjetà attrici qal li ma' Pace dejjem innegozjaw miegħu għal dak li kellu x'jaqsam ir-restaurant Salvino's;

*"Nghid illi l-kont kien infetaħ f'isem Mr Andrew Pace u x-xogħol konna nibgħatuh fir-restaurant jismu Salvinos…omissis.. Naf li l-inbejjed tagħna qegħdin fuq il-wine list ta' Salvino's u cioe fiz-zmien mertu ta' din il-kwistjoni allura naf li whud mill-inbejjed taghna kienu qed jinbiegħu f'dan ir-restaurant."*[4]

*"Naqbel allura illi l-inbid kien qed jiġi supplit bħala parti minn negozju ta' Salvino's Restaurant. .omissis..Naqbel illi aħna ken ikollna telefonata mingħand Andrew Pace mir-Restaurant fejn kien jgħidilna x'kien jonqsu bħala xogħol u aħna konna nikkonsenjawlu dawk l-affarijiet u hu jiffirma l-fattura u daqshekk."*[5]

Rilevanti wkoll li bħala parti mill-ħlas kien sar f'ikla tal-Milied li l-attriċi għalmet f'Salvino's;

*"Kien hemm okkazzjoni waħda illi l-ħlas sar bi tpaċċija ma' Christmas dinner li konna organizzajna għand Salvino's."*[6]

Għalhekk l-appellanti għandha obbligu li tħallas il-bilanċ li għadu pendenti. Issa jekk hemm xi kwistjoni bejnha u Pace dwar jekk l-inbid intużax kollu fir-restaurant, dik hi materja oħra li trid tiġi trattata fi proċeduri li semmai l-appellanti tipproponi kontra Pace.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul.

---

[3] F'dan ir-rigward setat tkun rilevanti s-sentenza li semmiet l-appellanti fl-aħħar ta' dan l-aggravju (ara pagna 8).
[4] Xhieda ta' Joseph Aquilina, rapprezentant tas-socjetà attriċi tas-6 ta' Marzu, 2014.
[5] Xhieda ta' Joseph Aquilina a fol 106-107.
[6] Xhieda ta' Joseph Aquilina, rapprezentant tas-socjetà attriċi tas-4 ta' April, 2014.